MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 1101/2005

Raymond u Claire konjuġi **BAJADA**

vs

Stanley u Jane konjuġi **CASTILLO**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-16 ta' Novembru, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li sensiela ta' sitt (6) kambjali li l-attur iffirma fil-11 ta' Novembru, 1999, huma milquta minn użura applikata kontra l-atturi; (b) ssib li l-istess kambjali ttieħdu b'qerq u bi vjolenza mħaddma mill-imħarrek kontrihom; (ċ) ssib għalhekk li l-imsemmija kambjali ma

jiswewx u m'għandhom l-ebda saħħa; (d) issib li, f'kull każ, dwar l-ewwel tnejn mill-imsemmija sensiela ta' kambjali, kull azzjoni mill-imħarrek għall-ħlas tagħhom waqgħet bil-preskrizzjoni; u (e) tordna t-tħassir tal-Mandat ta' Qbid u tal-Mandat ta' Sekwestru maħruġin kontrihom;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Novembru, 2005, li bih ordnat in-notifika tal-Att taċ-Ċitazzjoni lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fid-9 ta' Frar, 2006, li biha l-imħarrkin miżżewġin Castillo laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qanqlu, b'mod preliminari, l-eċċezzjoni tal-ġudikat, billi l-kwestjoni dwar l-eżekuzzjoni tal-kambjali nqatgħet bis-saħħa ta' deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Lulju, 2005[1]. Preliminarjament ukoll qanqlu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni maħsuba fl-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili safejn l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq il-vizzju tal-kunsens. Fil-mertu, laqgħu għall-azzjoni attriċi billi ċaħdu li huma b'xi mod qarrqu bl-atturi jew ħtew lejhom għal xi vjolenza u wkoll li ma kienx minnu li fil-kambjali ddaħħal xi mgħax ogħla mill-ogħla rata stabilita mil-liġi. Żiedu wkoll li l-ħlas tal-ebda waħda mill-kambjali ma waqa' bil-preskrizzjoni u minħabba f'hekk m'hemm l-ebda raġuni tajba għalfejn il-Qorti għandha tilqa' t-talba tal-atturi għat-tħassir taż-żewġ Mandati maħruġin kontrihom;

Rat id-degriet tagħha li bih qiegħdet din il-kawża fil-Proċedura ta' Smigħ Qabel il-Proċess (*Pretrial*);

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Frar, 2009[2], li bih u wara li semgħet lill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ li sar dak inhar, ordnat li qabel kull ħaġa oħra, trid issir it-trattazzjoni u tingħata sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari mqanqlin mill-imħarrkin Castillo;

---

[1] Ċitazz. Nru. 638/05GV
[2] Paġ. 69 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin miżżewġin Castillo fit-3 ta' April, 2009[3], dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-28 ta' April, 2009[4], bi tweġiba għal dik tal-imħarrkin;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2009, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin miżżewġin Castillo;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta' kambjali aċċettati mill-attur għar-raġuni li dik l-aċċettazzjoni kienet frott ta' vizzju ta' kunsens minħabba qerq u vjolenza min-naħa tal-imħarrek u wkoll għaliex l-istess kambjali jaħbu fihom ħlas ta' mgħax ogħla mill-ogħla rata li trid il-liġi (il-kawżali tal-illeċitu). L-atturi jridu li, minħabba dawk ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-kambjali ma jiswewx u li, f'kull każ, dwar l-eqdem tnejn minnhom, ma tista' ssir l-ebda talba għall-ħlas għaliex waqgħu bil-preskrizzjoni. Huma jitolbu wkoll it-tħassir ta' Mandati eżekutivi maħruġa minn u fuq talba tal-imħarrkin b'eżekuzzjoni tal-imsemmija kambjali;

Illi għall-imsemmija azzjoni l-imħarrkin laqgħu bl-eċċezzjoni tal-ġudikat għaliex b'degriet mogħti f'Lulju tal-2005, il-Qorti ċaħdet talba tal-atturi biex twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kambjali. Laqgħu wkoll bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili, safejn l-azzjoni attriċi tinbena fuq il-vizzju tal-kunsens. Fil-mertu, ressqu eċċezzjonijiet oħrajn li bihom jikkontestaw is-siwi tal-azzjoni attriċi;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-ġudikat u tal-preskrizzjoni;

---

[3] Paġġ. 84 – 6 tal-proċess
[4] Paġġ. 89 sa 95 tal-proċess

Illi l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti juru li f'April tal-1995, l-attur issellef mingħand l-imħarrek, permezz ta' *banker's draft*[5], is-somma ta' għaxart elef lira Sterlina (£ 10,000). Billi l-attur ma kienx f'qagħda li jħallas lill-imħarrek lura minufih is-somma mitluba, fit-23 ta' Ġunju tal-1995, l-atturi ipotekaw id-dar taż-żwieġ bl-isem "*Clar-De-Lun*" fi Triq San Mattew, il-Qrendi, sal-ammont ta' ħmistax-il elf u ħames mitt lira Maltija (Lm 15,500), b'att nutarili ta' kostituzzjoni ta' debitu;

Illi fi Frar tal-1996, l-attur ħareġ *cheque* pagabbli lill-imħarrek fis-somma ta' sittax-il elf u sitta u tletin liri Maltin (Lm 16,036). Dan kien inħareġ biex jibdel ieħor li l-attur kien ħareġ qabel u li ma kienx issarraf. Iżda dan it-tieni *cheque* ukoll ma ssarrafx meta l-imħarrek ippreżentah għall-ħlas. L-imħarrek irrapporta lill-attur u l-Pulizija Eżekutiva ħadet passi kontrih fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. B'sentenza mogħtija fit-30 ta' Settembru, 1997[6], l-attur instab ħati ta' frodi u mogħti sentenza ta' priġunerija sospiża għal erba' snin;

Illi f'Novembru tal-1999, l-ipoteka li kienet tgħabbi d-dar taż-żwieġ tal-atturi tneħħiet b'att pubbliku fejn hemm dikjarat li l-imħarrek kien ġie "sodisfatt a saldu"[7], wara li l-attur ħallas lill-imħarrek akkont ta' ħamest elef liri Maltin (Lm 5,000). Dak inhar tal-imsemmi att, inħarġu s-sitt (6) kambjali mertu ta' din il-kawża għall-import sħiħ ta' sittax-il elf seba' mija u sitta u sebgħin liri Maltin (Lm 16,776), u li kellhom jibdew jitħallsu kull tliet xhur b'seħħ mit-8 ta' Frar, 2000, b'rati ta' tlitt elef lira Maltija (Lm 3,000) kull darba, iżda bl-aħħar waħda tkun fl-ammont ta' elf seba' mija u sitta u sebgħin lira Maltija (Lm 1,776)[8];

Illi f'Ġunju tal-2005, l-imħarrek bagħat jitlob b'ittra uffiċjali[9] lill-atturi jħallsu l-kambjali u l-imgħax miġmugħ fuqhom mid-data tal-iskadenza ta' kull waħda minnhom. L-atturi ittentaw iwaqqfu l-eżekuzzjoni tal-imsemmija ittra uffiċjali

---

[5] Dok "RB1", f'paġ. 9 tal-proċess
[6] Dok "RB3", f'paġġ. 12 – 7 tal-proċess
[7] Dok "RB5", f'paġ. 19 tal-proċess
[8] Dokti "RB6" sa "RB11", f'paġġ. 20 – 5 tal-proċess
[9] Dok "RB12", fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali Nru. 2814/05, f'paġ. 26 tal-proċess

b'rikors imressaq fl-4 ta' Lulju, 2005[10], imma t-talba tagħhom ma ntlaqgħetx b'degriet mogħti fl-24 ta' Lulju, 2005[11]. Fl-1 ta' Novembru tal-2005, l-imħarrkin ħarġu Mandat ta' Qbid u wkoll Mandat ta' Sekwestru eżekutiv kontra l-atturi. Dik il-ħabta wkoll, fit-12 ta' Novembru, 2005[12] l-atturi ressqu rapport lill-Pulizija kontra l-imħarrek biex tistħarreġ ix-xiljiet tagħhom dwar teħid ta' flus b'użura. L-istħarriġ għadu għaddej. L-għada li l-atturi ressqu r-rapport, fetħu din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-istħarriġ taż-żewġ eċċezzjonijiet taħt eżami jridu jqisu prinċipalment l-aspett formali tal-azzjoni attriċi. Huwa xieraq li l-ewwel titqies l-eċċezzjoni tal-ġudikat, għaliex jekk kemm-il darba kellha tintlaqa' ma jkunx meħtieġ li wieħed jistħarreġ ukoll l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li d-degriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Lulju, 2005, jikkostitwixxi ġudikat għall-azzjoni tal-lum** jingħad minnufih eċċezzjoni bħal din tirnexxi biss jekk kemm-il darba jkunu jirriżultaw l-elementi magħrufa wara li jsir tqabbil bejn it-talbiet magħmula f'din l-azzjoni u dawk li kienu saru fil-proċeduri li issa qiegħed jingħad li joħolqu x-xkiel tal-ġudikat. L-elementi magħrufa f'eċċezzjoni tal-ġudikat huma stabiliti mid-duttrina;

Illi tajjeb jingħad li llum il-ġurnata hemm qbil ġenerali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa meħtieġ biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*) u l-istess mertu (*eadem causa petendi*). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*);

[10] Dok "SC1", f'paġ. 49 tal-proċess
[11] Dok "RB13", fl-Atti tar-Rikors Nru. 638/05GV, f'paġ. 27 tal-proċess
[12] Dok "RB15", f'paġ. 29 – 30 tal-proċess

Illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili bħala waħda li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija;

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza[13], li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat[14];

Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata interpretazzjoni dejqa, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni[15];

Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwestjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza.[16] Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża jkun diġa' jeżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża[17];

Illi ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar <u>l-element tal-identita' tal-persuni</u>, li huwa huwa wkoll fondamentali u ta' siwi għall-eċċezzjoni daqs iż-żewġ elementi l-oħrajn. In-nuqqas tiegħu huwa biżżejjed biex jeskludi l-ġudikat għaliex min ma kienx preżenti fil-ġudizzju, u lanqas kien fih rappresentat leġittimament, ma

[13] App. Kumm. **5.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Herrera noe vs Cassar noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.489**)
[14] App. Ċiv. **28.6.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Caterina Ġerada et vs Avukat Antonio Caruana*** (mhix pubblikata)
[15] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**), u s-sentenzi hemm imsemmija
[16] Ara P.A. **11.3.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Parnis vs Soler*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.344**);
[17] P.A. GV **27.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***A.P. Farruġia noe vs T. Borġ Reveille et*** (Mhix pubblikata)

jistax jitqies marbut b'sentenza mogħtija u li għaddiet in ġudikat, ukoll jekk l-eżitu ta' dik is-sentenza ikun jiffavorih[18];

Illi għalhekk jirriżulta li dan l-element tal-eċċezzjoni tal-ġudikat huwa soddisfatt;

Illi għal dak li jirrigwarda l-element tal-identita' tal-ħaġa huwa mfisser li dan l-element jirreferi għall-oġġett li jifforma t-talba, jiġifieri jirreferi għall-punt involut fil-kontroversja bejn il-partijiet. Huwa stabilit li mhux meħtieġ li jkun hemm l-identita' assoluta bejn it-talba li tifforma l-mertu tas-sentenza li saret ġudikat u t-talba fit-tieni kawża, għaliex hu meqjus biżżejjed li jkun hemm xebh f'tali punt kontrovers[19]. Dan jinkwadra ruħu f'dak li fid-duttrina huwa magħruf bħala l-"*giudicato esplicito*" u l-"*giudicato implicito*"[20];

Illi minn dak li joħroġ minn qari tal-Att taċ-Ċitazzjoni, l-mira maħsuba fit-talbiet attriċi bl-ebda mod ma terġa' tqajjem il-kwestjoni maqtugħa fid-degriet li ċaħad it-twaqqif tal-eżekuzzjoni tal-kambjali. Il-kwestjoni f'dik il-proċedura kienet waħda dwar jekk il-kambjali – li tqiesu bħala titolu eżekutiv – messhomx inżammu milli jkunu eżegwiti. Il-kwestjonijiet imqanqlin mill-atturi f'din il-kawża jmorru wisq lil hinn minn hekk għaliex jattakkaw is-siwi intrinsiku tal-istess kambjali, liema stħarriġ ma seta' jsir qatt fil-proċeduri meħuda taħt il-*proviso* tal-artikolu 253 (e) tal-Kodiċi Proċedurali;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li dan l-element tal-eċċezzjoni taħt eżami ma jirriżultax;

Illi l-istess jista' jingħad dwar l-element tal-identita' tat-talba attriċi preżenti. Ġeneralment, b'dan l-element wieħed jifhem u jirreferi għat-titolu jew kawżali li fuqhom jinbnew it-talbiet tal-kawża. Dwar dan il-punt inqalgħu

[18] App. Ċiv **11.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Grixti vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XLII.i.198**); u App. Ċiv. **5.2.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Degabriele vs Frank Gulia et*** (Mhix pubblikata)
[19] P.A. **28.2.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XXXII.ii.243**) u App. Ċiv. **15.2.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs Mifsud et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.i.51**)
[20] Ara App. Inf. **28.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Camilleri et vs Mario Borġ pro et noe et***

għadd ta' diffikultajiet matul iż-żmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tingħata lill-frażi l-"istess kawżali" (*eadem causa petendi*), l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża. Huwa tassew ovvju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintagħmlu u li jwasslu għal dik is-sentenza;

Illi l-Qorti tosserva li ġie wkoll għadd ta' drabi mfisser li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat[21];

Illi din il-Qorti fittxet l-għejjun ta' dritt li minnhom ħarġet u xxettlet id-duttrina tal-ġudikat f'dan ir-rigward, b'mod partikolari dak li jgħallmu l-awturi Aubry, Rau u Laurent. M'huwiex għalxejn li l-liġi tipprovdi[22] li s-sentenza għandha tkun motivata u li jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha. Huwa minħabba dawk ir-raġunijiet li wieħed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawża kif fil-fatt qatgħetha. Kien għalhekk li jingħad li d-dispożittiv ta' sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma ghandu jiġi minn dan definit u spjegat[23];

Illi dan it-tagħlim ġie mfisser u mtenni wkoll b'mod ċar ħafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**26 ta' Mejju,**

[21] Ara P.A. FGC **4.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited*** (mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[22] Art. 218 tal-Kap 12;
[23] Ara App. Ċiv. **25.4.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciberras Trigona vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.131**); App. Ċiv. **31.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.76**) u App. Ċiv. **12.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Testaferrata Boniċi utrinque*** (Kollez. Vol: **XLII.i.287**)

**1967** fil-kawża fl-ismijiet Grima vs Fava et[24] li għaliha u r-rassenja ta' ġurisprudenza msemmijin fiha ssir riferenza;

Illi, fil-qosor jingħad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-eżistenza, allura jirrikorri r-rekwiżit tal-identita' tal-oġġett[25] li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Illi l-Qorti tħoss li jkun xieraq tirrileva li fit-Tweġiba mressqa f'Lulju tal-2005[26] biex iwaqqgħu l-premessi tar-rikors tal-atturi maħsub biex iwaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kambjali, l-imħarrkin kienu qalu li argument bħal dak miġjub mill-atturi "*ma jistax jitressaq mir-rikorrenti fir-rikors odjern iżda se mai għandu jinġieb a konjizzjoni tal-Qorti permezz ta' kawża oħra indipendenti*". Aktar 'il quddiem, fl-istess Tweġiba, l-imħarrkin maqdru l-fatt li "*r-rikorrenti naqsu milli jintavolaw kawża ad hoc sabiex jannullaw jew jattakkaw il-kambjali u dana meta ilhom snin li ffirmawhom*". Fil-fehma tal-Qorti, dan kollu jixhed li l-imħarrkin infushom kienu jagħrfu li jeżistu proċeduri oħrajn li l-atturi setgħu (jew messhom) ħadu biex jattakkaw il-kambjali maħruġa. Kienu jagħrfu wkoll li l-proċedura mibdija minnhom għall-finijiet tal-artikolu 253 (e) tal-Kodiċi tal-Proċedura ma kinitx tagħlaq il-bieb proċedurali għal kull rimedju ieħor li seta' kellhom l-atturi: wisq anqas li dik il-proċedura kienet sejra tikkostitwixxi ġudikat kontra kull rimedju mitlub. Din il-kawża tal-lum hija sewwasew waħda minn dawk il-proċeduri rimedjali li l-atturi qegħdin jirrikorru għaliha;

Illi f'dan il-każ, il-Qorti ssib li l-proċedura meħuda mill-imħarrkin taħt l-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tat lok għall-ebda sentenza. Dik il-proċedura hija maħsuba biex tagħraf l-eżekutivita' ta' titolu (li, fost l-oħrajn, **jista'** jkun sentenza jew degriet), bħalma tagħraf, b'eżempju, l-eżekutivita' ta' kuntratt pubbliku. Minn kliem l-artikolu 253 innifsu, mhux kull titolu eżekutiv huwa

---

[24] Kollez. Vol: **LI.i.325**
[25] Ara App. ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**) fuq imsemmija.
[26] Dok "SC2", f'paġġ. 50 – 1 tal-proċess

tabilfors sentenza, u s-sentenzi m'humiex l-uniċi titoli eżekutivi maħsuba mil-liġi;

Illi, ġaladarba hu hekk, ma jistax jingħad li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tirnexxi fejn ma jkunx hemm "sentenza" li tagħmel stat bejn il-partijiet;

Illi għalhekk ukoll, it-tielet element meħtieġ biex isejjes l-eċċezzjoni ntwera li ma jirriżultax;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin Castillo;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn maħsuba fl-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili** joħroġ ċar li din tgħodd safejn l-azzjoni attriċi tinbena fuq il-kawżali tal-allegat qerq jew vizzju tal-kunsens. Dan qiegħed jingħad għaliex jidher sewwa li l-azzjoni attriċi tinbena fuq kawżali oħrajn ukoll;

Illi l-imħarrkin isejsu din l-eċċezzjoni tagħhom fuq il-fatt li ladarba l-kambjali nħarġu f'Novembru tal-1999, l-atturi messhom mexxew bil-kawża qabel biex iwaqqgħu l-istess kambjali, u mhux qagħdu jaħsbuha ftit aktar minn sitt snin biex jaraw x'iridu jagħmlu;

Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi jgħidu li għall-azzjoni tagħhom ma jgħoddx dak li jgħid l-artikolu 1222, għaliex l-azzjoni tagħhom m'hijiex waħda ta' rexissjoni imma waħda ta' "dikjarazzjoni ġudizzjarja ta' stat ta' fatt". Fuq kollox, jgħidu li kien jaqa' fuq l-imħarrkin li jipprovaw li ż-żmien meħtieġ – f'dan il-każ, minn meta ntemm iż-żmien tal-vjolenza u minn meta nkixef il-qerq – kien għalaq. Huma jgħidu li l-imħarrkin naqsu li jagħmlu dan u għalhekk il-Qorti m'għandhiex tilqa' din l-eċċezzjoni;

Illi fi kliem l-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili, azzjoni maħsuba biex tħassar kuntratt taqa' bl-għeluq tas-sentejn fil-każ li l-kawża tar-rexissjoni tkun il-vjolenza, l-iżball, l-għamil doluż l-istat ta' interdizzjoni, in-nuqqas tal-eta', in-nuqqas ta' kawża jew kawża falza f'obbligazzjoni, sakemm il-liġi ma tagħtix żmien preskrittiv aqsar. Dak iż-żmien jibda jgħodd

minn dak inhar li tispiċċa l-vjolenza jew minn dak inhar li jinkixef id-difett;

Illi minkejja li l-atturi jiċħdu li l-azzjoni tagħhom hija waħda rexissorja, ma jidhirx li wħud mit-talbiet tagħhom stess jikkonfermaw dan. Il-mira ewlenija tal-azzjoni attriċi hija t-tħassir tar-rabta kuntrattwali maħluqa bil-kambjali u dan għall-kawżali speċifiċi msemmijin minnhom[27]. Jirriżulta wkoll li mhux il-kawżali kollha mressqa mill-atturi huma mibnija fuq raġunijiet rexissorji li għalihom jgħodd l-artikolu 1222, u b'mod partikolari, fejn azzjoni rexissorja tkun mibnija fuq kawżali ta' ordni pubbliku (bħalma hija l-kawżali tal-allegata użura), il-preskrizzjoni ma tgħoddx[28];

Illi huwa minnu li meta l-parti mħarrka tqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kulma trid tagħmel hu li turi li ż-żmien preskrittiv invokat ikun għadda. Imbagħad, jaqa' fuq il-parti attriċi li turi li dak iż-żmien ikun twaqqaf b'xi mod jew kien sospiż. Iżda meta titqajjem eċċezzjoni bħal di li tinsab quddiem il-Qorti llum, ikun meħtieġ li wieħed jara minn meta jkun beda għaddej iż-żmien stabilit. Kif ingħad qabel, is-sentejn maħsuba fl-artikolu 1222 jibdew jgħaddu miż-żmien meta tintemm il-vjolenza, jew minn mindu jinkixef id-difett. Mill-affidavit tal-attur, joħroġ ċar li ċċirkostanzi tal-qerq allegati minnu u tat-theddid li jgħid li kien jgħammillu l-imħarrek kienu ilhom jipprevalu sa minn żmien qabel ma nħarġu l-kambjali u komplew sewwasew sa dak inhar fl-1999 meta nħarġu u sar il-kuntratt tat-tħassir tal-ipoteka. Il-Qorti tqis – għall-finijiet tal-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili – li l-atturi setgħu iressqu azzjoni xierqa sa minn Novembru tal-1999. Ma ressqu l-ebda protest jew att ġudizzjarju kontra l-imħarrkin sa qabel ma ressqu r-rikors biex iwaqqfu l-eżekuzzjoni tal-kambjali fl-2005. Lill-Qorti, l-atturi ma tawha l-ebda raġuni tajba biex juru li, sa ma fetħu din il-kawża kien hemm xi ħaġa li żżommhom milli jiftħuha qabel, kif tajjeb jissottomettu l-imħarrkin fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom;

[27] P.A. PS **10.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Aġius pro et noe vs Mario Borġ et***
[28] App. Ċiv. **7.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Peplow vs Galea*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.366**)

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li t-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin hija mistħoqqa u sejra tintlaqa' sal-limiti li għalihom tgħodd;

Illi, f'kull każ, l-azzjoni attriċi safejn tolqot il-kawżali l-oħrajn ma waqgħetx bil-preskrizzjoni msemmija mill-imħarrkin;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-imħarrkin miżżewġin Castillo, bl-ispejjeż kontrihom, u dan għaliex ma jirriżultawx l-elementi kollha maħsuba mil-liġi biex jinħalaq il-ġudikat fil-konfront tat-talbiet attriċi f'din il-kawża;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrkin miżżewġin Castillo, u tqis li, safejn jirrigwarda l-kawżali tat-tieni talba attriċi, l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn maħsuba fl-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili, iżda ssib li dik l-eċċezzjoni ma tolqotx 'il-azzjoni attriċi fuq il-kawżali l-oħrajn, u għalhekk għandha tkompli tinstema' fuq dawk il-kawżali l-oħrajn;

**Tordna** li s-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża jissokta fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------